**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 18 ta' Frar 2022**

**Rikors nru: 21/2022 AGV :**

**Il-Rikors konġunt ta' DG u ta' M sive MR G**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti DG u ta' M sive MR G datat 13 ta' Jannar 2022, fejn esponew bir-rispett u bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw:**

1. Illi l-partijiet kienu iżżewwġu nhar il-21 ta' Ottubru, 1984 u dana kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u immarkata bħala "Dokument DMG1";

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal illi illum huma maġġorenni;

3. Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt ta' nhar it-12 ta' Diċembru, 2008 fl-atti tan-Nutar Sandra Bugeja, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u immarkata bħala "Dokument DMG2";

4. Illi għal finijiet u effetti kollha tal-liġi senjatament l-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-partijiet jiddikjaraw illi:

   (i) il-partijiet ilhom ma jgħixu flimkien għal ħafna aktar minn sitt (6) xhur matul is-sena li għaddiet;

   (ii) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

   (iii) ma hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Għaldaqstant il-partijiet umilment jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jgħoġobha:**

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet huwa maħlul u għalhekk tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ċivili ikkuntrattat bejniethom;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**